



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.11.2017
COM(2017) 679 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabilixxi reġim
Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senseriya u t-
tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 23(3) tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 isejjaħ lill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet, l-eżamijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju (DUCG). Barra minn dan, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2014) 244) tagħraf li l-pubblikazzjoni ta' rapporti u informazzjoni ta' kontroll mhux sensittiva jistgħu jkunu passi kritiċi biex itejbu t-trasparenza u l-konformità tal-operaturi u l-kapaċità tagħhom li jimplementaw il-kontrolli. Dan ir-rapport, imħejji mill-Kummissjoni bil-kontributi ta' Stati Membri fid-DUCG¹, jipprovdi tagħrif dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament fl-2016, u jinkludi dejta ta' kontroll aggregata dwar l-esportazzjoni għall-2015.

2. L-EVOLUZZJONI TAL-QAFAS POLITIKU U REGOLATORJU

2.1. Analiżi tal-politika tal-kontroll tal-esportazzjoni

Wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni (COM(2014) 244) tal-24 ta' April 2014, il-Kummissjoni mexxiet valutazzjoni tal-impatt fl-2015 bl-iskop li jiġu evalwati l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati mal-għażliet differenti ta' rieżami, u li jiġu identifikati l-azzjonijiet regolatorji u nonregolatorji l-iktar xierqa. Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-impatt² kien ippreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) f'Marzu 2016 u rċieva opinjoni pożittiva bil-kummenti³. Tħejjiet proposta leġiżlattiva fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-valutazzjoni u fit-28 ta' Settembru 2016 il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament COM(2016) 616 li ttiprovdi għal modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE⁴. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-*effettività* tal-kontrolli u li jaġġustahom għal theddid għas-sigurtà li qed jevolvu b'pass mgħaġġel, żviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi mgħaġġla, u fl-istess ħin issaħħaħ l-*effiċjenza* billi tissimplifika l-amministrazzjoni tal-kontrolli u li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-esportaturi u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Għaldaqstant l-

¹ Xi awtoritajiet kompetenti mill-Istati Membri jirrapportaw ukoll pubblikament dwar il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju.

² Ir-rapport tal-Evalwazzjoni tal-Impatt jinsab fuq http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/october/tradoc_155008.pdf

³ L-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tinsab fuq http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/iab/iab_en.htm.

⁴ Il-proposta għal regolament tinsab fuq <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016PC0616>

għanijiet ġenerali huma li tissaħħaħ is-sigurtà – inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem – u li tiġi żgurata l-kompetittività tal-esportaturi tal-UE.

Il-proposta tipprovdi għal aġġustamenti għal kontrolli għal funzjonament effettiv u effiċjenti f'ekonomija globalizzata u tikkonsisti essenzjalment fi:

- “aġġornament tas-sistema” bil-għan li jtejjeb ir-regolamenti attwali ta’ kontroll u jagħmilhom iktar effiċjenti u effettivi;
- l-introduzzjoni ta’ dimensjoni ta’ “sigurtà tal-bniedem” ġdida, biex tirrispondi għall-isfida offruta mill-iżvilupp ta’ teknoloġiji ġodda ta’ sorveljanza ċibernetika u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà tal-UE.

Il-Kummissjoni kkonsultat regolarment il-Grupp ta’ Ħidma dwar Oġġetti b’Użu Doppju tal-Kunsill, u pprovditilhom b’mod partikolari aġġornamenti dwar il-valutazzjoni tal-impatt u t-tnejn tal-proposta. Ir-rieżami tal-politika ta’ kontroll fuq l-esportazzjoni kien ukoll fuq l-aġenda tal-Parlament Ewropew f’diversi okkażjonijiet, u l-proposta kienet ippreżentata lill-Parlament f’laqgħa ta’ informazzjoni teknika fl-20 ta’ Ottubru 2016.

Il-Kummissjoni mexxiet konsultazzjonijiet immirati u sensibilizzazzjoni ma’ partijiet ikkonċernati ewlenin u ppreżentat il-proposta lill-industrija u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-okkażjoni ta’ Djalogu tas-Soċjetà Ċivili fit-3 ta’ Ottubru 2016. Barra minn hekk, fit-12 ta’ Diċembru 2016 ġie organizzat Forum ta’ Kontroll tal-Esportazzjoni b’mod konġunt mal-Presidenza Slovakkja tal-UE, sabiex jiġu skambjati fehmiet mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u tas-soċjetà ċivili⁵.

2.2. Emendi għar-Regolament (KE) Nru 428/2009

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 ġie emendat darba matul il-perjodu ta’ rapportar. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1969⁶ tat-12 ta’ Ottubru 2015 aġġorna l-Lista ta’ Kontroll tal-UE fl-Anness I tar-Regolament, u inkorpora modifiki miftehma fir-reġimi ta’ kontroll tal-esportazzjoni multilaterali fl-2015. Il-lista ta’ kontroll tal-UE tal-2016 b’hekk tinkorpora madwar 200 emenda, li ħafna minnhom jirriżultaw mill-Ftehim ta’ Wassenaar u s-Sistema ta’ Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili. Dawn l-emendi jikkonċernaw, b’mod partikolari, aġġornament tal-kontroll tas-sistema ta’ kejl bil-lejżer, kontrolli ġodda għal tagħmir elettroniku ta’ veloċità għal konverżjonijiet minn analoġiku għal diġitali b’veloċità għolja, softwer għall-operat u l-manutenzjoni ta’ settijiet ta’ gwida, muturi rokit bi propellant tal-ġell, kif ukoll bidliet strutturali għal Kategorija 5 Parti 2 - “Sigurtà tal-Infurmazzjoni”. Il-kimika dietilamina u żewġ vajrusis ġodda - il-koronavajrus relatata mas-SARS u l-vajrus Rikostrutt tal-influenza tal-1918 - ġew miżjuda fil-lista ta’ kontroll. L-aġġornament jipprovdi wkoll għat-tneħħija ta’ diversi kontrolli, inklużi dawk fuq siġilli tal-ajruspazju / ta’ missili, xi fluwidi idrawliċi u kameras taħt l-ilma. “Nota Komprensiva tal-Bidla” ġiet ippubblikata bħala gwida li tipprovdi ħarsa ġenerali tal-bidliet tekniċi kollha li saru fil-Lista ta’ Kontroll tal-UE tal-Użu Doppju⁷,

⁵ Ir-rapport tal-Forum jinsab hawnhekk: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/december/tradoc_155125.pdf.

⁶ ĠU L 307, 15.11.2016.

⁷ In-Nota Sommarja tinsab fuq: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/october/tradoc_155058.pdf.

L-Annessi II u IV tar-Regolament dwar l-Użu Doppju ġew ukoll aġġornati f'konformità mal-emendi tal-Anness I. Il-Lista ta' Kontroll tal-UE ġdida konsolidata u aġġornata saret applikabbli fis-16 ta' Novembru 2016, u b'hekk tippermetti lill-UE taderixxi mal-impenji internazzjonali tagħha fir-rigward tal-kontrolli tal-esportazzjoni u tgħin lill-esportaturi tal-UE fejn il-parametri ta' kontroll ġew rilaxxati.

2.3. Miżuri nazzjonali għall-implimentazzjoni

Ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha, iżda, jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri fl-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet, u li l-informazzjoni dwar dawn il-miżuri jinħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Fl-20 ta' Awwissu 2016⁸ ġiet ppubblikata Nota ta' Informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*, li tagħti stampa ġenerali ta' miżuri meħuda mill-Istati Membri inkluż, fost oħrajn, l-estensjoni tal-kontrolli tas-sensurija u t-tranżitu, l-estensjoni tal-kontrolli għal oġġetti mhux elenkati għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika u konsiderazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem, l-introduzzjoni ta' awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni ġenerali nazzjonali, l-applikazzjoni ta' kontrolli ta' trasferiment intra-UE għal oġġetti mhux elenkati, l-infurzar ta' kontrolli, kif ukoll tagħrif relatat mal-awtoritajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni nazzjonali.

3. ATTIVITAJIET TAL-GRUPP TA' KOORDINAZZJONI DWAR L-UŻU DOPPJU

L-Artikolu 23 tar-Regolament jistabbilixxi l-ħolqien ta' Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju (DUCG) li jgħaqqad flimkien esperti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri sabiex jeżaminaw kull kwistjoni rigward l-applikazzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni bil-għan li jtejbu fil-prattika l-konsistenza u l-effettività tagħhom madwar l-UE. Id-DUCG iltaqa' sitt darbiet matul il-perjodu ta' rapportar, u b'hekk ipprova *forum* għall-konsultazzjonijiet dwar għadd ta' kwistjonijiet topiċi rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament.

3.1. Konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet ta' implimentazzjoni

Id-DUCG organizza skambji tekniċi ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll speċifiċi bħall-applikazzjoni tan-nota ta' kriptografija (il-Kategorija 5 Parti 2 tal-lista ta' kontroll tal-UE) u l-interpretazzjoni ta' kontrolli ta' trasferimenti ta' teknoloġija kriptati, l-applikazzjoni ta' kontrolli dwar varjaturi tal-frekwenza (invertituri), id-definizzjoni ta' "esportatur" skont l-Artikolu 2.3 tar-Regolament (KE) 428/2009 u l-applikazzjoni tagħha f'sitwazzjonijiet speċifiċi meta esportazzjonijiet jinvolvu rivenditur, u l-applikazzjoni tal-kontrolli fuq l-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju li jistgħu jiġu użati għal fini terroristiċi. Id-DUCG iddiskuta wkoll l-użu tal-ekwivalenti diġitali ta' Ċertifikati ta' Utent Finali (End-User Certificates, EUCs) b'konnessjoni ma' applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni, u l-użu ta' firem elettroniċi u l-ħtieġa għal kopji stampata tal-liċenzji.

Id-DUCG wettaq skambju ġenerali tal-informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali, u ħejja Nota ta' Informazzjoni aġġornata dwar il-miżuri nazzjonali għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* fl-20 ta' Awwissu 2016.

⁸ ĠU C 304/03, 20.08.2016.

Id-DUCG irrieżamina l-metodoloġija u l-approċċ għall-iskambju ta' dejta, u wettaq eżerċizzju komprensiv ta' dejta ta' liċenzjar (abbażi ta' dejta tal-2015) sabiex itejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri u jżid it-trasparenza pubblika fir-rigward tal-kontrolli ta' esportazzjoni ta' prodotti b'użu doppju. Id-DUCG ikkontribwixxa wkoll għat-tħejjija, mill-Kummissjoni, ta' valutazzjoni tal-impatt fil-kuntest tar-rieżami tal-politika dwar il-kontroll fuq l-esportazzjoni.

Fid-dawl tar-rakkomandazzjonijiet imħejjija mill-”Grupp AEO-ICP ta’ Esperti Tekniċi” - li huwa sottogrupp tekniku konġunt (mad-dwana) li jeżamina l-konverġenza potenzjali tal-programmi doganali “Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati” (AEO) ma’ “programmi ta’ konformità interni” (ICP) ta’ kontrolli tal-esportazzjoni – id-DUCG appoġġa skambju ta’ informazzjoni rigward is-segwitu mill-Istati Membri dwar ir-rakkomandazzjonijiet u ħejja termini ta’ referenza għal Grupp ta’ Esperti Tekniċi allokat għall-iżvilupp tal-Linji Gwida ICP.

Id-DUCG ssorvelja l-attività tal-“Grupp ta’ esperti dwar it-teknoloġija tas-sorveljanza” (“STEG”), li jgħaqqad flimkien esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex jiddiskutu kwistjonijiet relatati mal-kontroll ta’ teknoloġija tas-sorveljanza ċibernetika. L-STEG issorvelja l-iżviluppi tal-politika u t-teknoloġija rilevanti, eżamina x-xejriet ta’ liċenzjar u ċaħdiet, u pprova għarfien espert b’ appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u t-tħejjija ta’ proposta leġiżlattiva għall-modernizzazzjoni tal-kontrolli tal-esportazzjoni tal-UE.

3.2. Sostenn tekniku għat-tħejjija ta' aġġornamenti għal-lista ta' kontroll tal-UE

Id-DUCG kellu konsultazzjonijiet tekniċi b'appoġġ għat-tħejjija ta' Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jaġġorna l-Lista ta' Kontroll tal-UE. L-esperti nazzjonali qasmu għarfien espert u taħriġ ma' awtoritajiet kompetenti filwaqt li ssottolinjaw l-iktar tibdiliet importanti li saru fil-lista ta' kontroll fl-okkażjoni ta' sessjoni speċjali tad-DUCG.

3.3. Gwida tal-UE dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti b'Użu Doppju

Id-DUCG ħejja Linji Gwida tal-UE li jappoġġaw skambju ta' informazzjoni strutturat u konsultazzjonijiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni tan-Nota 3 għall-Kategorija 5 Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 428/2009 – in-“nota tal-kriptografija” – u dwar id-definizzjoni ta’ “esportatur” f’sitwazzjonijiet fejn ikun involut rivenditur. B’riżultat ta’ dan, in-noti Gwida 1/2016 ġew ippubblikati fil-25 ta’ Ottubru 2016⁹.

3.4. L-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti

Id-DUCG kompli jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tas-Sistema Elettronika dwar l-Użu Doppju (DUeS), sistema elettronika sikura u kriptata ospitata mill-Kummissjoni, li tappoġġa t-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll tal-esportazzjoni u l-Kummissjoni.

⁹ http://trade.ec.europa.eu/doclib/cfm/doclib_section.cfm?sec=192

Tul l-2016, id-DUCG qabel dwar titjib speċifiku fid-DUeS, b'mod partikolari rigward l-effiċjenza u s-sigurtà tal-*ġestjoni tal-utent*. Id-DUCG appoġġa wkoll u mexxa l-iżvilupp ta' funzjonalitajiet ġodda fid-DUeS, b'mod partikolari:

- funzjonalità ġdida biex jappoġġa *l-iskambju tal-informazzjoni dwar sanzjonijiet fl-Iran fuq oġġetti b'użu doppju*, speċifikament rigward l-awtorizzazzjonijiet tal-esportazzjoni, is-senserija u l-assistenza teknika li tikkonċerna ċerti oġġetti b'użu doppju elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 267/2012;

- funzjonalità ġdida biex tipprovdi “servizzi web” li jippermettu *l-interkonnessjoni ta' sistemi ta' liċenzjar elettroniċi nazzjonali mad-DUeS*, sabiex jipprovdu aċċess faċli, permezz ta' interfaċċja fuq l-internet, għall-informazzjoni tad-DUeS.

Id-DUCG kompla wkoll diskussjonijiet dwar l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' “liċenzjar elettroniku” biex tiġi użata mill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi volontarja, u appoġġa approċċi konsistenti u effiċjenti għall-iżvilupp ta' pjattaformi ta' informazzjoni elettronika dwar kontrolli kummerċjali ta' sigurtà fl-UE.

3.5. It-trasparenza u d-djalogu mal-industrija u mal-akkademiċi

Id-DUCG appoġġa l-organizzazzjoni ta' “Forum ta' Kontroll tal-Esportazzjoni” fit-12 ta' Diċembru 2016 fi Brussell ma' assoċjazzjonijiet tal-industrija, kumpaniji b'użu doppju u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jiddiskutu għażliet ta' rieżami u r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika onlajn fil-kuntest tar-rieżami tal-politika ta' kontroll fuq l-esportazzjoni¹⁰.

Id-DUCG ħejja wkoll dokumentazzjoni biex tkun ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tar-regolamenti mill-esportaturi. B'mod partikolari, in-“Nota Komprensiva tal-Bidla” tiġbor fil-qosor, għal finijiet informattivi, il-bidliet tat-test ta' kontroll fil-lista ta' kontrolli tal-UE introdotta skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 1969/2016¹¹. Barra minn hekk, kif indikat hawn fuq, in-noti ta' Gwida 1/2016 u 2/2016 ġew ippubblikati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-kontrolli mill-industrija.

3.6. Monitoraġġ u infurzar ta' kontroll tal-esportazzjoni

Il-Kummissjoni tippromwovi l-monitoraġġ u l-infurzar effettiv tal-kontrolli tal-esportazzjoni fl-UE permezz ta' diversi azzjonijiet ta' appoġġ. Fl-2016, il-Kummissjoni ħarġet verżjoni ġdida tat-“tabella ta' korrelazzjoni”¹² li tgħaqqad il-kodiċi doganali mal-klassifikazzjonijiet ta' użu doppju u kompliet l-inklużjoni tal-parametri ta' kontroll tal-esportazzjoni fil-baży ta' dejta onlajn tat-tariffi doganali tal-UE (TARIC).

3.7. Il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju

Fl-2016, il-Grupp ta' Esperti tal-UE dwar l-Użu Doppju opera miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka (Joint Research Centre, JRC) tal-Kummissjoni u esperti li kienu disponibbli minn xi

¹⁰ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/december/tradoc_155193.pdf

¹¹ http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/october/tradoc_155058.pdf

¹² http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2016/february/tradoc_154240.pdf

Stati Membri komplew jappoġġaw lill-awtoritajiet tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-Istati Membri li talbu parir relatat ma' każijiet konkreti ta' liċenzjar. B'kollox, ingħataw ħames pariri tekniċi dwar il-klassifikazzjoni tal-komoditajiet lil sitt awtoritajiet kompetenti matul il-perjodu ta' rappurtar.

3.8. It-tisħiħ tal-kapaċitajiet

Fl-2016, il-JRC tal-Kummissjoni kompli s-serje ta' seminars tekniċi b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Enerġija tal-Istati Uniti, u organizza d-disa' seminar fis-16 u s-17 ta' Ġunju 2016 f'Ispra, l-Italja. Għall-avveniment attendew uffiċjal tal-liċenzjar u esperti tekniċi minn awtoritajiet tal-kontroll tal-esportazzjoni, kif ukoll esportaturi, akkademiċi u organizzazzjoni ta' riċerka.

4. IL-KONTROLLI TAL-ESPORTAZZJONI TAL-UE - DEJTA EWLENJA

Huwa diffiċli li tinkiseb informazzjoni affidabbli dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju, għax ma jeżistix settur ekonomiku definit b'mod li jikkorrespondi għal dan. Madankollu l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiġbru dejta li tippermetti għal stimi approssimattivi tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju bbażati, minn naħa, fuq dejta ta' liċenzjar speċifika miġbura minn awtoritajiet kompetenti u, min-naħa l-oħra, fuq statistiki għal komoditajiet doganali li jinkludu oġġetti b'użu doppju. L-istimi tad-dejta tal-esportazzjoni tal-2015 huma ppreżentati hawn taħt. Għandu jiġi nnutat li stimi ppreżentati aktar 'il quddiem ma jkoprux servizzi u trasferimenti teknoloġiċi intanġibbli assoċjati mal-kummerċ f'oġġetti b'użu doppju.

4.1. Kummerċ tal-UE tal-oġġetti b'użu doppju: oġġetti u destinazzjonijiet

Fl-2016, ir-Regolament primarjament applika għall-esportazzjoni ta' madwar 1892 "oġġetti" b'użu doppju elenkati fl-Anness I (il-"Lista ta' Kontroll tal-UE") u kklassifikati f'10 kategoriji (Figura 1). Dawn l-oġġetti b'użu doppju huma relatati ma' madwar 1000 komodità doganali, inklużi sustanzi kimiċi, metalli u prodotti minerali mhux metalliċi, kompjuters, prodotti elettroniċi u ottiċi, tagħmir elettriku, makkinarju, vetturi u tagħmir tat-trasport eċċ. u tipikament jaqgħu fil-parti tat-teknoloġija avvanzata f'dan il-qasam kbir ta' komoditajiet imħallta.




Figura 1: L-għadd ta' oġġetti b'użu doppju elenkati fil-Kategoriji tal-Anness I wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1969, imqabbel mar-Regolament (UE) Nru 2015/2420.

Stimi statistiċi dwar l-importanza relattiva tal-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jindikaw li l-esportazzjoni b'użu doppju jirrappreżentaw madwar 2,6 % tal-esportazzjonijiet totali tal-UE (kemm fl-UE kif ukoll 'il barra), f'“dominju tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju”¹³ wiesgħa ta' komoditajiet doganali (Figura 2).

¹³ Il-metodoloġija statistika żviluppata miċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni tuża tabella ta' korrelazzjoni, żviluppata mid-DG TAXUD, bejn in-numri ta' klassifikazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u l-kodiċi doganali u d-dejta COMEXT tal-Eurostat, kif ukoll id-dejta ta' liċenzjar. L-idea ta' *dominju tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju* tirreferi għal qasam kbir u mħallat ta' komoditajiet li jinkludi oġġetti b'użu doppju. Il-kummerċ ta' oġġetti b'użu doppju jseħħ *fi ħdan* dan il-qasam ta' komoditajiet, iżda mhuwiex identiku għalih, peress li mhux il-komoditajiet kollha fi ħdan id-*dominju tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju* huma verament b'użu doppju.




Figura 2: Stimu statistiċi ta' esportazzjoni b'użu doppju fl-UE jew 'il barra.

Stimu statistiċi juru wkoll id-destinazzjonijiet ewlenin ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u jindikaw li l-parti l-kbira ta' dawn l-esportazzjonijiet imorru f'“pajjiżi tal-UE001” b'benefiċċju mill-awtorizzazzjonijiet ġenerali għall-esportazzjoni tal-unjoni (union general export authorisations, EUGEAs). Il-pajjiżi destinatari jirriflettu l-istruttura tas-suq tal-esportazzjoni tal-UE fil-komoditajiet rilevanti kif ukoll il-faċilitazzjoni tal-kummerċ taħt EUGEAs (Figuri 2, 3 u 4)¹⁴.

¹⁴ “Imħażen u provvisti żejda” huma definiti bħala l-kunsinna tal-imħażen tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru. “Mixxellanju –pajjiżi żejda mhux speċifikati” tinkludi pajjiżi u territorji mhux speċifikati fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi (jiġifieri dawn il-kodiċijiet is-soltu jintużaw għal oġġetti kkunsinjati għal installazzjonijiet offshore).




Figura 3: Stim ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: l-ewwel 25 pajjiż destinatarju ta' esportazzjoni u s-sottoreġjuni tagħhom fl-2015.



Figura 4: Stim ta' esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tal-UE: Pajjiżi destinatarji skont ir-reġjuni u s-sottoreġjuni dinjija, 2015.

4.2. Applikazzjonijiet, liċenzji, ċaħdiet

Id-DUCG ġabar u skambja informazzjoni u dejta ta' liċenzjar, sabiex jittejjeb il-fehim ta' kontrolli fuq l-esportazzjoni u l-effett ekonomiku tagħhom. Xi dejta miġbura għall-perjodu ta' rapportar hija rrappurtata hawn taħt; madankollu, ta' min jinnota li mhux l-Istati Membri kollha jiġbru d-dejta kollha. L-informazzjoni pprovduta hawn isfel għalhekk tirrappreżenta stimi approssimattivi ta' kwantitajiet aggregati u l-valuri fil-limiti tad-dejta magħmula disponibbli mill-Istati Membri.




Figura 5: Volum (għadd) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2010-2015¹⁵.

¹⁵ Fil-Figuri 6 u 7, id-dejta ta' "Applikazzjonijiet" tinkludi kull applikazzjoni għal liċenzji, inklużi notifiki skont awtorizzazzjonijiet ġenerali, u b'hekk tagħti indikazzjoni ta' "esportazzjonijiet ikkontrollati", jiġifieri l-valur ta' esportazzjonijiet l-barra mill-UE soġġetti għal proċess ta' awtorizzazzjoni. F'każijiet fejn ma tkun disponibbli l-ebda dejta tal-applikazzjoni, iċ-ċaħts jużaw dejta tal-awtorizzazzjoni bħala stima għad-data tal-applikazzjoni. Dejta tal-"awtorizzazzjonijiet" tirreferi għal esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju awtorizzati skont liċenzji individwali u globali. Ta' min jinnota li l-applikazzjonijiet ma jikkorrispondux neċessarjament mas-somma tal-awtorizzazzjonijiet u ċ-ċaħdiet, minħabba li għadd ta' applikazzjonijiet jistgħu jiġu kkanċellati u xi applikazzjonijiet jistgħu ma jiġux iffinalizzati fl-istess sena. "Ċaħda" tirreferi għall-volum u l-valur ta' esportazzjonijiet miċħuda.

Valur ta' Esportazzjoni Kkontrollat




Figura 6: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet u ċaħdiet fl-2010-2015.

Volum ta' Esportazzjoni Awtorizzat skont Tipi ta' Liċenzja fl-2015




Figura 7: Volum (għadd) ta' awtorizzazzjonijiet għal kull kategorija fl-2015.

Valur ta' Esportazzjoni Awtorizzat skont Tipi ta' Liċenzja fl-2015




Figura 8: Valur (miljuni ta' EUR) ta' awtorizzazzjonijiet skont it-tip fl-2015.

Il-valur totali¹⁶ ta' applikazzjonijiet laħaq EUR 44 biljun u l-esportazzjonijiet ikkontrollati ta' oġġetti b'użu doppju b'hekk kienu jirrappreżentaw 'il fuq minn 2,5 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali. Il-kummerċ awtorizzat ta' oġġetti b'użu doppju ammonta għal EUR 33,7 biljun, biex b'hekk jirrappreżenta 1,9 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali, b'maġġoranza tat-tranżazzjonijiet awtorizzati b'liċenzji individwali (madwar 25 000 liċenzja individwali maħruġa fl-2015) u liċenzji globali (skont il-valur tagħhom). Porzjon żgħir biss tal-esportazzjonijiet ġie fil-fatt miċħud: madwar 640 każda nħarġu fl-2015, li jirrappreżentaw madwar 4,5 % tal-valur tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju f'dik is-sena, u 0,1 % tal-esportazzjonijiet barra mill-UE totali.

¹⁶ Din iċ-ċifra tinkludi l-valur tal-applikazzjonijiet u n-notifiki skont l-Awtorizzazzjonijiet Ġenerali tal-Esportazzjoni.